MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1954/2004

**Nazzareno Vassallo**

**vs**

**Karl Stagno Navarra**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Ottubru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' elf lira Maltija (Lm1,000.00), moghtija mill-attur lill-konvenut b'self *brevi* manu fuq talba ta' l-istess konvenut.

Nonostante diversi talbiet ghar-refuzjoni ta' l-imsemmija somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00), inkluza ittra legali datata 17 ta' Gunju, 2004, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma rrifondiex l-imsemmija somma lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mitt liri Maltin (Lm500.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------